MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 731/2006

**Joseph Pawley ID No : 99649M**
**u Mary Pawley ID No : 589951M**

**Vs**

**VG Shutter and Concrete Works Ltd C 21877**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Awissu, 2006 fejn gie premess illi l-ammont dovut mis-socjeta` konvenuta lill-atturi jirrapprezenta danni subiti mill-atturi minhabba hsarat kagunati fil-propjeta` taghhhom 'Wooloomooloo' Triq il-Mensija, San Gwann, liema hsarat sehhew per konsegwenza ta' xogholijiet ta' kostruzzjoni fil-fond adjacenti l-propjeta` ta' l-atturi, u liema xogholijiet saru mis-socjeta` konvenuta. Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittri interpellatorji tat-23 ta' Novembru 2005, tal-1 ta' Marzu

2006 u tas-17 ta' Mejju 2006 u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta tat-13 ta' Marzu, 2007 fejn gie eccepit illi t-talba tal-atturi hija wahda eccessiva u kwindi mijiex dovuta mis-socjeta` konvenuta. Bl-ispejjez.

Ra d-dikjarazzjoni maghmula mill-partijiet fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2007 fejn gie dikjarat illi "*il-partijiet jaqqblu illi ma hemmx kontestazzjoni dwar ir-responsabbilita*`".

Ikkunsidra :

Illi ghalhekk it-Tribunal irid jikkonkludi biss jekk it-talba attrici hix wahda giustifikata jew eccessiva in linea mar-risposta tas-socjeta` konvenuta.

Illi l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fl-ammont ta' tlett 'elef tmien mija u disghin Euro u erba' u hamsin centezmi (€3189.54) fuq ir-rapport peritali tal-Perit Dennis Camilleri – esebit bhala Dok DJP2 datat 27 ta' Gunju 2006.

Illi l-istess Perit Camilleri xehed fil-5 ta' Ottubru 2007 u kkonferma kemm ir-rapport tieghu (a fol 13) maghmul qabel nbdew ix-xogholijiet u kif wkoll ir-rapport (a fol 21) maghmula wara u bbazat fuq il-hsarat illi hu kkostata fil-fond ta' l-atturi.

Illi xehed Victor Gauci in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta (29.11.07) u kkonferma l-hsarat subiti mill-atturi.

Illi jidher illi l-kontestazzjoni principali hija l-kamra tal-banju. L-attur jghid illi ma sabx madum bhal dak li kellu – invece l-konvenut jinsisti illi huwa qabel illi l-madum jixtrih hu – u di fatti bghat lill-attur ghand xi hadd tal-madum biex jaghzlu – pero` ma' xtarax minn hemmek u xtara minn ghand Grech Crystal Baths.

Illi Victor Gauci in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta jkompli jghid illi "*jiena naqbel wkoll illi lil Grech Crystal*

*Baths kelli nhallsu jien*", izda ma' hallsux ghax ma kienx jaf illi l-madum ittiehed.

F'xhieda ulterjuri tieghu (22.01.08) l-istess Victor Gauci jghid illi "*jiena kont ghamilt xi hsarat fil-propjeta` ta' l-attur u konna ftehmna illi ntih kamra tal-banju fil-valur ta' Lm600*". Jghid ulterjorment illi "*……jiena stajt nikkonkludi wkoll illi l-hsarat illi sofra l-attur kienu konsegwenza tax-xogholijiet li kont qed naghmel jiena*". Jghid illi s-Lm600 ghal kamra tal-banju dejjem kien lest li jhallashom, anke jekk kull ma kien hemm "*6 sa 10 madumiet mxellfin*".

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi mill-kumpless shih tal-provi prodotti jidher ghalhekk illi l-pendenza bejn il-kontendenti spiccat quddiem it-Tribunal peress illi ma' kienx hemm qbil fuq l-ispejjes inkorsi u relattivi ghall-kamra tal-banju.

L-allegat ftehim li jsemmi Victor Gauci ghas-socjeta` konvenuta illi kienu ftehmu illi hu jhallas Lm600 ghas-saldu ta' l-ispejjes tal-kamra tal-banju ma giex ippruvat sodifacentament quddiem dan it-Tribunal. Mill-bqija u dwar il-bqija ta' l-items indikati fir-rapport tal-Perit Camilleri tas-27 ta' Gunju 2006 ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni.

Id-dottrina legali taghna tghallimna illi persuna illi jerfa` r-responsabbilita` ghall-hsara illi jkun ikkawza lil parti ohra ghandu jirriprestina lil parti leza fl-istat originali taghha – u dan sakemm huwa possibli.

F'din l-okkazzjoni l-atturi strahu fuq il-Perit taghhom Denis Camilleri – u l-konkluzjonijiet peritali, salv ghal dak hawn fuq kunsidrat, ma' jidhirx illi qed jigi kontestat mis-socjeta` konvenuta. L-item relattiva ghal karma tal-banju kif mahduma mill-istess Perit hija fuq kollox mahduma u bbazata fuq il-prezzijiet indikati minn E. Crystal Bath Limited (vide doks JPA u JPB a fol 25 u fol 26), liema spejjes inkorsi mill-atturi ma' E. Crystal Bath Limited s-socjeta` konvenuta kienet lesta li thallas u ma hallsitx biss ghax kif jinghad aktar il-fuq, ma kinitx taf illi l-madum ittiehed.

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet ghalhekk, it-talba attrici ghandha tintlaqa`.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ra l-atti kollha, sema` x-xhiedha u qies il-provi u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, iqis it-talba attrici guistifikata, u filwaqt illi jirrispingi l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, jaqta` u jiddecidi billi jordna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ tlett‘elef mija u disgha u tmenin Euro u erba’ u hamsin Euro Cents (€3189.54) ekwivalenti ghal elf, tlett mija u disgha u sittin Liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm1369.27) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz.

Bl-ispejjes kif mitluba kontra l-istess socjeta` konvenuta u bl-imghax mid-data tal-presentata ta’ l-Avviz sad-data tal-hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------